



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.8.2013
COM(2013) 598 final

2013/0286 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd, għandhom jittieħdu miżuri biex jiżguraw li r-riżorsi akkwatiċi haġjin huma sfruttati taħt kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti waħda f'dan ir-rigward hija l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd fl-għamla ta' qabdiet totali permissibbli (TACs), ta' kwoti u ta' limiti tal-isforzi tas-sajd.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġu ffissati għall-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri fir-rigward tal-iktar stokkijiet kummerċjalment importanti fil-Baħar Baltiku. Bil-għan li jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċiżjonijiet annwali dwar it-TAC u l-kwoti, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom li ġew stabbiliti mill-2006 permezz ta' Regolament separat.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward ta' konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2014 (COM(2013)319 finali), tiddekrivi l-isfond tal-proposta.

Il-parir xjentifiku dwar l-istokkijiet fil-Baħar Baltiku għall-2014 ingħata mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) f'Mejju 2013 u mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) f'Ġunju 2013.

Il-proposta fiha żewġ taqsimiet li huma importanti għall-ġestjoni tas-sajd fil-Baltiku fl-2014 permezz tal-opportunitajiet tas-sajd: taqsima minnhom tiffissa t-TACs u l-kwoti u t-taqsima l-oħra tillimita l-isforz tas-sajd, billi timponi limiti fuq l-attività tal-bastimenti tas-sajd (l-għadd ta' jiem fuq il-baħar).

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-opportunitajiet tas-sajd u l-mod li bih huma allokati lill-Istati Membri jiġu rregolati kull sena. L-aktar strument riċenti huwa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1088/2012 tal-20 ta' Novembru 2012 li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2013 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1434/98 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 88/98, huwa wkoll ta' rilevanza għall-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar Baltiku.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww il-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97, jiddeskrivi l-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ meħtieġa għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tal-bakkaljaw inkwistjoni. Jistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Lvant u tal-Punent u l-limiti tal-isforz tas-sajd assoċjati magħhom.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħrajn tal-UE**

Il-miżuri proposti huma konformi mal-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Il-ġbir u l-użu tal-għarfien esperti

L-organizzazzjonijiet/l-esperti ewlenin li ġew ikkonsultati:

L-organizzazzjonijiet xjentifiċi kkonsultati kienu l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF).

Kull sena, l-Unjoni titlob lill-ICES u lill-STECF parir xjentifiku dwar il-qagħda tal-istokkijiet importanti tal-ħut. Il-parir li tirċievi jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku li għalihom huma proposti t-TACs.

• Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-Kunsill Reġjonali Konsultattiv tal-Baħar Baltiku (BSRAC) ġie kkonsultat fil-laqgħa tal-Grupp Konġunt ta' Ħidma dwar is-Sajd għall-Ħut Demersali/Pelaġiku f'Ġunju 2013 abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward ta' Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd. L-ICES u l-STECF ipprovdew il-bażi xjentifika għall-proposta. F'dik il-laqgħa ġew ippreżentati r-regoli għall-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti għall-2014 abbażi tal-Komunikazzjoni. Tqiesu l-opinjoni preliminari espressi dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha kkonċernati u ġew ikkunsidrati kemm jista' jkun fil-proposta mingħajr ma nħolqu kontradizzjonijiet mal-politiki eżistenti jew deterjorament fl-istat tar-riżorzi vulnerabbli.

F'ċerti każijiet, il-BSRAC jappoġġa t-tentattivi tal-Kummissjoni li tistabbilixxi TACs li huma iktar konsistenti mal-parir xjentifiku, kif ukoll l-applikazzjoni tal-pjan pluriennali għall-bakkaljaw fir-rigward tal-istabbiliment tat-TACs. Madankollu, huwa kontra t-tnaqqis tal-ġħadd ta' jjiem fuq il-baħar imqatta' fis-sajd għall-bakkaljaw.

• Il-valutazzjoni tal-impatt

It-TACs għall-bakkaljaw tal-Punent naqsu bi 15 % u għall-bakkaljaw tal-Afrika żdiedu b'7 %. Taħt il-proposta, tlieta mill-ħames TACs tal-ħut pelaġiku se jiżdiedu u ż-żewġ TACs li jibqa' se jonqsu. B'mod ġenerali, il-miżuri proposti se jwasslu għal żieda kumplessiva ta' 10% sa 644 elf tunnellata fl-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fil-Baħar Baltiku għall-ispeċijiet kollha minbarra l-istokkijiet tas-salamun. L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tas-salamun se jonqsu b'madwar 7 % u jammontaw għal 116 elf biċċa tas-salamun.

Abbażi tal-medja tal-prezzijiet tal-ħut żbarkat osservati fl-2011 fost tmien pajjiżi tal-Baħar Baltiku, il-valur tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 se jiżdied minn EUR 12-il miljun għal valur totali ta' EUR 412 miljun.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għal żmien qasir imma hija wkoll parti minn approċċ iktar fit-tul fejn il-livell tas-sajd jitnaqqas gradwalment għal livelli ta' sostenibbiltà fit-tul. Għalhekk, fi żmien medju sa twil, l-approċċ meħud f'konformità mal-proposta se jirriżulta fi sforz tas-sajd stabbli u kwoti oġġla. L-effetti fit-tul tal-approċċ huma mistennija li jkunu attivitajiet tas-sajd aktar sostenibbli u ammont ikbar ta' ħut żbarkat.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

• Is-sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta tfittex li tistabbilixxi l-limiti tal-qbid u tal-isforz applikabbli għas-sajd tal-UE sabiex jintlaħaq l-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd li jiġi żgurat sajd f'livelli li huwa bijoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

• Il-bażi legali

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill inkwistjoni jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Waqt li jqisu l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, l-Istati Membri huma ħielsa li jallokaw opportunitajiet fost reġjuni jew operaturi skont kif jidhrilhom xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom spazju kemm iridu biex jimmanuvraw dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament partikolari jiġi adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **L-għażla ta' strument**

L-istrument li qed jiġi propost: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u skont l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tkompli tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali), minħabba li fiha dispożizzjonijiet simili għal dawk tar-Regolament tal-2013 dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku.

- **Il-klawżola ta' analiżi/reviżjoni/sunset**

Il-proposta tirrigwarda Regolament annwali għas-sena 2014 u għalhekk ma tinkludix klawżola ta' reviżjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata**

Il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku.

Iċ-ċifri proposti jirriflettu l-parir xjentifiku attwali, il-konsultazzjoni mal-BSRAC u l-qafas għall-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti deskritti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd. Fejn rilevanti, sabiex jiġu ffissati l-kwoti tal-UE għal stokkijiet maqsuma mal-Federazzjoni Russa, il-kwantitajiet rispettivi ta' dawn l-istokkijiet tnaqqsu mit-TACs skont il-parir mgħoti mill-ICES.

Peress li l-intenzjoni tal-Kummissjoni hija li tiżgura l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd f'konformità mal-politika tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali filwaqt li l-opportunitajiet tas-sajd jinżammu stabbli, il-varjazzjonijiet annwali fit-TACs huma limitati sa fejn huwa prattiku filwaqt li jiġi kkunsidrat l-istatus ta' stokk partikolari.

It-TACs u l-kwoti allokatil lill-Istati Membri jidhru fl-Anness I u l-limiti tal-isforz tas-sajd huma stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament.

Għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, it-TACs u l-limiti tal-isforz proposti huma konformi mar-rekwiżiti tal-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet. L-element ċentrali tal-pjan huwa tnaqqis gradwali tal-mortalità mis-sajd għal livelli sostenibbli fit-tul sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet u jiġu pprovduti rendimenti għoljin u stabbli. Wara r-reviżjoni tad-dejta u l-metodi użati għall-valutazzjoni tal-istokkijiet tal-bakkaljaw, il-mortalitajiet mis-sajd attwali u tal-MSY ġew riveduti u mibdula skont dawn. B'qies ta' din l-informazzjoni l-ġdida, hemm hteieġa li jitnaqqas l-isforz tas-sajd magħmul fuq iż-żewġ stokkijiet tal-bakkaljaw b'10 % għall-istokk tal-Punent u bi 8.5 % għall-istokk tal-Lvant.

L-istokkijiet tal-ħut pelaġiku kollha fil-Baħar Baltiku, ħlief għall-aringa tal-Punent, jistgħu jinqabdu fil-livell tal-MSY fl-2014 u għalhekk it-TACs proposti jikkorrispondu mal-mortalità mis-sajd tal-MSY.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002¹ jirrikjedi li l-miżuri li jirregolaw l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u t-twettiq sostenibbli tal-attivitàjiet tas-sajd ikunu stabbiliti b'kont meħud tal-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli u, b'mod partikolari, tar-rapport magħmul mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), u wkoll fid-dawl ta' kull parir li jasal mingħand il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.
- (2) Il-Kunsill għandu l-obbligu li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont is-sajd jew il-grupp ta' sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri b'tali mod li f'kull Stat Membru tiġi żgurata stabbiltà relattiva tal-attivitàjiet tas-sajd għal kull stokk jew għal kull tip ta' sajd u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
- (3) Il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjoni espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikolari fil-laqgħat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali kkonċernati.
- (4) Għall-istokkijiet suġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. Konsegwentement, il-limiti tal-qbid u l-limiti tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku għandhom jiġu stabbiliti skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (il-Pjan għall-Bakkaljaw tal-Baħar Baltiku") għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet².

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

² Ir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 tal-Kunsill tal-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1)

- (5) Fid-dawl tal-parir xjentifiku l-aktar reċenti, il-flessibbiltà fil-ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baħar Baltiku tista' tiġi introdotta mingħajr ma tfixkel l-għanijiet tal-Pjan għall-Bakkaljaw tal-Baħar Baltiku u mingħajr ma tikkawża żieda fil-mortalità mis-sajd. Tali flessibbiltà tkun tista' tippermetti ġestjoni effiċjenti tal-isforz tas-sajd fejn il-kwoti mhumiex allokati ugwalment fost il-flotta ta' Stat Membru u tiffaċilità reazzjonijiet rapidi għal skambji ta' kwoti. Għalhekk għandu jkun permissibbli għal Stat Membru biex jalloka, lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, jiemi addizzjonali neqsin mill-port fejn ammont ugwali ta' jiemi neqsin mill-port jitneħħa minn bastimenti oħrajn li jtajru l-bandiera tiegħu.
- (6) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd kif stabbiliti f'dan ir-Regolament għandu jkun suġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009³, u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-dejta dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ li jkunu speċifikati l-kodiċijiet relatati mal-iżbarkar tal-istokkijiet suġġetti għal dan ir-Regolament li għandhom jintużaw mill-Istati Membri meta tintbagħat dejta lill-Kummissjoni.
- (7) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁴, huwa meħtieġ li jiġu identifikati l-istokkijiet li huma suġġetti għall-miżuri varji msemmija fih.
- (8) Sabiex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitàjiet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, huwa importanti li jinfetħu t-tipi ta' sajd koperti minn dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2014. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2014 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku.

Artikolu 2

Il-kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.

Artikolu 3

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.)

- (a) iż-żoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005⁵;
- (b) “Baħar Baltiku” tfisser is-Suddiviżjonijiet tal-ICES 22-32;
- (c) “Bastiment tal-Unjoni” tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta’ Stat Membru u li jkun irregiſtrat fl-Unjoni;
- (d) “qabda totali permissibli” (TAC) tfisser il-kwantità li tista’ tittieħed minn kull stokk kull sena;
- (e) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (f) “jum nieqes mill-port” tfisser kwalunkwe perjodu kontinwu ta’ 24 siegħa jew parti minnu li fih bastiment ikun nieqes mill-port.

Kapitolu II

Opportunitajiet tas-Sajd

Artikolu 4

It-TACs u l-allokkazzjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokkazzjonijiet

1. L-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f’dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għal:
 - (a) skambji magħmula skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;
 - (b) riallokkazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (c) żbarkar addizzjonali permiss skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;
 - (d) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;
 - (e) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 37, 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. Għajr fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament, għandu japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għal stokkijiet soġġetti għal TAC ta’ prekawzjoni, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta’ dak ir-Regolament għandhom japplikaw għal stokkijiet soġġetti għal TAC analitiku.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta’ Diċembru 2005 għall-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound (ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.)

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet għall-iżbarkar tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali

Ħut minn stokkijiet li għalihom hemm stabbiliti limiti ta' qbid għandu jinżamm abbord jew jiġi żbarkat biss jekk il-qabdiet u l-qabdiet inċidentali jkunu saru minn bastimenti tas-sajd ta' Stat Membru li għandu kwota u dik il-kwota ma tkunx eżawrita.

Artikolu 7

Il-limiti tal-isforz tas-sajd

1. Il-limiti tal-isforz tas-sajd huma stipulati fl-Anness II.
2. Il-limiti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għas-Suddiviżjonijiet tal-ICES 27 u 28.2 sakemm il-Kummissjoni tkun għadha ma ħaditx deċiżjoni skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 biex teskludi dawk is-Suddiviżjonijiet mir-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1)(b), (3), (4) u (5) u l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.
3. Il-limiti msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għas-Suddiviżjoni tal-ICES 28.1 sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni skont l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 li r-restrizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8(1)(b), (3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 għandhom japplikaw għal dik is-Suddiviżjoni.

Kapitolu III Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 8

It-trażmissjoni tad-dejta

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu dejta lill-Kummissjoni relatata mal-iżbark tal-kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX I

TACs APPLIKABBLI SKONT L-ISPEĊI U Ż-ŻONA GĦALL-BASTIMENTI TAL-UNJONI F'ŻONI FEJN JEŻISTU T-TACs

It-tabelli li ġejjin jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn huwa speċifikat mod ieħor) skont l-istokk, u l-kundizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali, fejn xieraq.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Ir-referenza għall-istokkijiet tal-ħut issir skont l-ordni alfabetika tal-ismijiet bil-Latin tal-ispeċi.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet bil-Latin u l-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Clupea harengus</i>	HER	Aringa
<i>Gadus morhua</i>	COD	Bakkaljaw
<i>Pleuronectes platessa</i>	PLE	Barbun tat-tbajja'
<i>Salmo salar</i>	SAL	Salamun tal-Atlantiku
<i>Sprattus sprattus</i>	SPR	Laċċa kaħla

Speċi:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	is-Suddiviżjonijiet 30-31 HER/3D30.; HER/3D31.
Il-Finlandja	116 963		
L-Isvezja	25 699		
L-Unjoni Ewropea	142 662		
It-TAC	142 662	TAC analitika	

Speċi:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	is-Suddiviżjonijiet 22*24 HER/3B23.; HER/3C22.; HER/3D24.
Id-Danimarka	2 769		
Il-Ġermanja	10 900		
Il-Finlandja	1		
Il-Polonja	2 570		
L-Isvezja	3 514		
L-Unjoni Ewropea	19 754		
It-TAC	19 754	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

Speċi:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 HER/3D25.; HER/3D26.; HER/3D27.; HER/3D28.2; HER/3D29.; HER/3D32.
Id-Danimarka	3 157		
Il-Ġermanja	837		
L-Estonja	16 122		
Il-Finlandja	31 469		
Il-Latvja	3 979		
Il-Litwanja	4 189		
Il-Polonja	35 752		
L-Isvezja	47 995		
L-Unjoni Ewropea	143 500		
It-TAC	Mhux rilevanti	TAC analitika	

Speċi:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	is-Suddivizjoni 28.1 HER/03D.RG
L-Estonja	14 186		
Il-Latvja	16 534		
L-Unjoni Ewropea	30 720		
It-TAC	30 720	TAC analitika	

Speċi	Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddiviżjonijiet 25-32 COD/3D25.; COD/3D26.; COD/3D27.; COD/3D28.; COD/3D29.; COD/3D30.; COD/3D31.; COD/3D32.
Id-Danimarka	15 147		
Il-Ġermanja	6 025		
L-Estonja	1 476		
Il-Finlandja	1 159		
Il-Latvja	5 632		
Il-Litwanja	3 710		
Il-Polonja	17 440		
L-Isvezja	15 345		

L-Unjoni Ewropea 65 934

It-TAC Mhux rilevanti TAC analitika

Speċi:	Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>	Żona:	is-Suddivizjonijiet 22*24 COD/3B23.; COD/3C22.; COD/3D24.
Id-Danimarka	7 436		
Il-Ġermanja	3 636		
L-Estonja	165		
Il-Finlandja	146		
Il-Latvja	615		
Il-Litwanja	399		
Il-Polonja	1 990		
L-Isvezja	2 650		
L-Unjoni Ewropea	17 037		
It-TAC	17 037	TAC analitika L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.	

Speċi:	Barbun tat- tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni tas- Suddiviżjonijiet 22-32 PLE/3B23.; PLE/3C22.; PLE/3D24.; PLE/3D25.; PLE/3D26.; PLE/3D27.; PLE/3D28.; PLE/3D29.; PLE/3D30.; PLE/3D31.; PLE/3D32.
Id-Danimarka	2 151		
Il-Ġermanja	239		
Il-Polonja	450		
L-Isvezja	162		
L-Unjoni Ewropea	3 002		
It-TAC	3 002	TAC ta' Prekawzjoni	

Speċi:	Salamun tal- Atlantiku <i>Salmo salar</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddiviżjonijiet 22*31 SAL/3B23.; SAL/3C22.; SAL/3D24.; SAL/3D25.; SAL/3D26.; SAL/3D27.; SAL/3D28.; SAL/3D29.;
--------	---	-------	--

Id-Danimarka	22 467 (1)
Il-Ġermanja	2 500 (1)
L-Estonja	2 283 (1)
Il-Finlandja	28 015 (1)
Il-Latvja	14 290 (1)
Il-Litwanja	1 680 (1)
Il-Polonja	6 816 (1)
L-Isvezja	30 370 (1)
L-Unjoni Ewropea	108 421 (1)

It-TAC Mhux rilevanti TAC analitika
L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.
L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax.

(1) Espress fl-għadd ta' ħut individwali.

Speċi:	Salamun tal-Atlantiku <i>Salmo salar</i>	Żona:	I-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddiviżjoni 32 SAL/3D32.
--------	---	-------	--

L-Estonja	744 (1)
Il-Finlandja	6 512 (1)
L-Unjoni Ewropea	7 256 (1)

It-TAC Mhux rilevanti TAC ta' Prekawzjoni

(1) Espress fl-għadd ta' ħut individwali.

Speċi:	Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	I-ilmijiet tal-Unjoni tas-Suddiviżjonijiet 22-32 SPR/3B23.; SPR/3C22.; SPR/3D24.; SPR/3D25.; SPR/3D26.; SPR/3D27.; SPR/3D28.; SPR/3D29.; SPR/3D30.; SPR/3D31.; SPR/3D32.
--------	---	-------	---

Id-Danimarka	21 909 (1)
Il-Ġermanja	13 880 (1)
L-Estonja	25 441 (1)
Il-Finlandja	11 469 (1)
Il-Latvja	30 727 (1)
Il-Litwanja	11 115 (1)
Il-Polonja	65 207 (1)
L-Isvezja	42 354 (1)

L-Unjoni Ewropea 222 102

It-TAC Mhux TAC analitika
rilevanti

(1) Tal-inqas 92% tal-ħut żbankat li jingħadd mal-kwota jrid ikun ta' laċċa kaħla. Il-qabdiet inċidentali ta' aringi għandhom jingħaddu mat-8% li jibqa' tal-kwota (HER/*3BCDC).

ANNEX II

LIMITI TAL-ISFORZ TAS-SAJD

1. L-Istati Membri għandhom jallokaw id-dritt lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li jistadu bi xbieki tat-tkarkir, bit-tartaruni Daniżi jew irkaptu simili b'malji ta' 90 mm jew ikbar, bl-għeżula, bi xbieki tat-tħabbil jew bil-pariti li għandhom malji ta' 90 mm jew akbar, b'konzizzjiet tal-qiegħ, b'konzizzjiet ħlief il-konzizzjiet mitluqa, ix-xolfa tal-idejn u l-irkaptu tat-trejjix, li jkunu sa:
 - (a) 147 jum neqsin mill-port fis-Suddivizzjonijiet tal-ICES 22-24, bl-eċċezzjoni tal-perjodu mill-1 sat-30 ta' April meta japplika l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007; kif ukoll
 - (b) 146 jum neqsin mill-port fis-Suddivizzjonijiet tal-ICES 25-28, bl-eċċezzjoni tal-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu meta japplika l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007.
2. L-għadd massimu ta' jiem nieqes mill-port kull sena li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żewġ żoni msemmija fil-punt 1(a) u (b) u jistad bl-irkaptu speċifikat fil-punt 1 ma jistax ikun oġhla mill-għadd massimu ta' jiem nieqes mill-port allokat għal waħda minn dawn iż-żewġ żoni.
3. B'deroga mill-punti 1 u 2, u fejn il-ġestjoni effiċjenti tal-opportunitajiet tas-sajd teħtiegħ hekk, Stat Membru jista' jalloka d-dritt lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu ta' sajd għal għadd ta' jiem addizzjonali neqsin mill-port fejn ammont ugwali ta' jiem neqsin mill-port jitneħħa minn bastimenti oħrajn li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu soġġetti għal restrizzjoni tal-isforz fl-istess żona u fejn il-kapaċità, f'termini ta' kW, ta' kull bastiment donatur tkun daqs jew akbar minn dik tal-bastimenti riċevituri. L-għadd ta' bastimenti riċevituri ma jistax jeċċedi l-10% tal-għadd totali ta' bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat, kif indikat fil-punt 1.